**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**ILLUM l-Erbgħa, 13 ta' April, 2016**

**Kawza Nru. 4**

**Rik. Nru. 546/09JRM**

Ahmed Ibro **MUHIDDIN**

vs.

**GREENLINES ENVIRONMENTAL SERVICES LIMITED** (C – 14868) u Mario Ebejer

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fil-5 ta' Ġunju, 2009, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attur jitlob li din il-Qorti ssib li l-imħarrkin, jew minhom, huma responsabbli għall-korriment illi huwa ġarrab f'inċident li ġara fil-31 ta' Awwissu, 2008, waqt il-ħin tax-xogħol; tillikwida d-danni mġarrba permezz ta' perit nominat mill-Qorti; u tordna lill-

imħarrkin, jew min minnhom, iħallsu d-danni hekk likwidati. Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-20 ta' Awwissu, 2009[1], li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-partijiet dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħhom;

Rat li għalkemm l-imħarrek Mario Ebejer ġie debitament notifikat[2], huwa ma ressaq ebda Tweġiba Maħlufa u għaldaqstant huwa kontumaċi;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fil-15 ta' Jannar, 2010, li biha l-kumpannija mħarrka laqgħet għall-azzjoni attriċi fil-mertu billi qalet illi l-attur ma kienx impjegat magħha; ċaħdet ir-responsabbilta' għall-inċident; illi l-attur irid jipprova l-allegat danni illi ġarrab; u li skond id-dispożizzjoni tal-artikolu 158(3)(ċ) tal-Kap 12, il-fatti huma kontestati u jridu wkoll jiġu ppruvati. Talbet ukoll l-ispejjeż marbuta mal-ittra uffiċjali tas-7 ta' Ottubru, 2008;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tas-16 ta' Frar, 2010[3], li bih ħatret lil Dr Yvette Cassar bħala Assistent Ġudizzjarju sabiex tiġbor ix-xhieda tal-partijiet;

Rat it-talba mressqa mill-attur sabiex il-proċess kriminali marbut mal-kawża fl-ismijiet "*Il-Pulizija u l-Awtorita' għas-Saħħa u Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol vs. Susanna Żammit u Joe Dalmas*" jifforma parti minn din il-kawża, għal liema talba, il-Qorti permezz ta' degriet tas-7 ta' Settembru, 2000[4], ġibdet l-attenzjoni tal-attur għar-risposta tar-Registratur, Qrati u Tribunali Kriminali fejn l-attur minħabba li huwa wkoll parte ċivile, jista' jieħu kopja tal-proċess kriminali u jippreżentah f'din il-kawża;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-5 ta' Ottubru, 2011[5], li biħ ħatret lill-kirurgu Massimo Abela bħala perit mediku biex jistħarreġ u jirrelata dwar il-fondatezza tat-talbiet attriċi, wara li jieħu konjizzjoni ta' l-eċċezzjonijiet u jagħmel l-osservazzjonijiet meħtieġa marbuta mal-każ;

Rat ir-Rapport imressaq mill-perit mediku tal-15 ta' Novembru, 2011[6], u minnu maħluf kif imiss fir-Reġistru tal-Qrati Ċivili fit-2 ta' Frar, 2012;

---

[1] Paġ 8 tal-proċess
[2] 4 ta' Jannar, 2010 fuq il-post tax-xogħol mal-kumpannija mħarrka Greenlines Environmental Services Limited, f'paġ. 31 *tergo* tal-proċess
[3] Paġġ. 40 tal-proċess
[4] Paġ. 61 tal-proċess
[5] Paġ. 69 tal-proċess
[6] Paġġ. 82 – 84 tal-proċess

Rat in-Nota tal-attur mressqa waqt is-seduta tal-11 ta' Mejju, 2012[7], fejn biha rriżerva d-dritt li jeskuti lill-Perit mediku dwar ir-rapport tiegħu;

Rat li b'ordni tal-24 ta' Jannar, 2014[8], il-kawża kienet assenjata lil din il-Qorti kif issa presjeduta;

Rat ix-xhieda u l-provi dokumentali mressqa quddiem l-Assistent Ġudizzjarju mill-partijiet;

Rat id-degriet tagħha tal-10 ta' Marzu, 2015[9], li bih tat lill-partijiet żmien sabiex iressqu s-sottomisssjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet imressqa mill-attur fis-26 ta' Mejju, 2015[10];

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija mħarrka tal-11 ta' Awwissu, 2015[11], bi tweġiba għal dik ta' l-attur;

Rat l-atti kollha tal-kawża, magħduda dawk tal-atti tal-Att tal-Akkuża 409/09 quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali[12];

Rat id-degriet tagħha tal-15 ta' Ottubru, 2015[13] li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

***Ikkonsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' danni wara korriment fuq il-post tax-xogħol. L-attur kien qed jagħti servizz lill-kumpannija mħarrka fil-ġbir ta' skart mit-toroq, meta siequ x-xellugija nqabdet minn ċima li kienet fil-kabina tal-vann li kien riekeb fih u misjuq mill-imħarrek Mario Ebejer, u li tarf minnha kien 'il barra mill-msemmija kabina u nqabdet mar-rota ta' quddiem tat-trakk. Hekk kif il-vann beda jinsaq, iċ-ċima rasset mal-pala tas-sieq ix-xellugija tal-attur u qatgħetlu 'l barra l-biċċa ta' quddiem tal-pala u s-swaba' tas-sieq imsemmija. Huwa jgħid li l-imħarrkin jaħtu għal dak li ġaralu u jridhom jagħmlu tajjeb għad-danni li ġarrab;

[7] Paġ. 87 tal-proċess
[8] Paġġ. 117 – 8 tal-proċess
[9] Paġ. 148 tal-proċess
[10] Paġġ. 149 – 160 tal-proċess
[11] Paġġ. 163 – 183 tal-proċess
[12] Maqtugħa b'sentenza tal-1 ta' Lulju, 2010, u mibdula mill-Qorti tal-Appell Kriminali b'sentenza tat-13 ta' Lulju, 2012, paġġ. 97 sa 101 tal-proċess
[13] Paġ. 189 tal-proċess

Illi l-attur jgħid illi l-imħarrkin, jew min minnhom, jaħtu għal dak li ġralu għaliex ġabu ruħhom b'mod traskurat, naqsu li jħarsu r-regolamenti tas-saħħa u tas-sigurta' fuq il-post tax-xogħol, u naqsu li jieħdu dawk l-azzjonijiet meħtieġa biex dan l-inċident ma jseħħx;

Illi billi l-attur ġarrab ġrieħi li ma jgħaddux, talab li l-imħarrkin, jew min minnhom, jikkumpensawħ għat-telf ta' qligħ għall-ġejjieni (*lucrum cessans*), l-aktar għaliex b'riżultat ta' l-inċident, ma jistax jagħmel l-istess attivitajiet li kien jagħmel qabel;

Illi għal din l-azzjoni, il-kumpannija mħarrka laqgħet billi qalet li l-attur ma kienx impjegat magħha iżda kien jaħdem magħha minn żmien għal żmien fil-ġbir tal-iskart. Hija tgħid li ma taħtix għal dak li ġara lill-attur għaliex kienet ipprovdietu bit-tagħmir meħtieġ biex jaħdem bih u ma jkorrix. Qalet li kien l-attur illi naqas li jilbes is-'*safety shoes*' waqt il-qadi ta' dmirijietu u li dakinhar li mar jaħdem kien xedd biss karkur f'saqajh. Qalet ukoll illi d-danni li l-attur jgħid li ġarrab iridu jiġu ppruvati, kif ukoll illi skond id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 158(3)(ċ) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-fatti ta' kif seħħew l-affarijiet huma kontestati u jridu wkoll jiġu ippruvati;

Illi l-imħarrek Mario Ebejer, ma daħħal ebda Risposta Maħlufa għalkemm notifikat kif imiss, u għaldaqstant waqa' kontumaċi;

Illi bħala **fatti relevanti li joħorġu mill-atti ta' din il-kawża** jirriżulta li l-attur, ta' nazzjonalita' Etjopjana, twieled fis-sena 1985, u li meta ġara l-inċident kellu tlieta u għoxrin (23) sena;

Illi meta seħħ l-inċident huwa kien jagħti servizz lill-kumpannija mħarrka (minn issa 'l hemm imsejħa "GES") billi jiġbor l-iskart mit-toroq[14]. GES għandha s-sedi tagħha f'Ħal Qormi fejn hemm ukoll bitħa li fiha jinżammu l-vetturi tagħha u kif ukoll jinsabu faċilitajiet għall-ħaddiema tagħha[15];

Illi fil-31 ta' Awwissu, 2008, l-imħarrek Mario Ebejer ġabar lill-attur mill-Imsida fil-ħamsa (5) ta' filgħodu wara li kien avżah minn lejliet. Dakinhar sbieħ il-jum kien fis-sitta u nofs u tliet minuti (6.33 a.m.);

Illi l-vann li kien qed isuq l-imħarrek Ebejer kien wieħed miftuħ, bil-gabina fuq quddiem (li fiha kienu jistgħu joqogħdu s-sewwieq u żewġ passiġġieri

---

[14] Għalkemm il-kumpannija mħarrka tgħid illi l-attur ma kienx impjegat tagħha, mil-pay slips jirriżulta illi l-attur kien anke ħa xi siegħat *leave:* F'dan ir-rigward ara "Dok. E" f'paġ. 26 tal-proċess
[15] Xhieda ta' Suzanne Żammit f'paġ. 92 tal-proċess

bilqiegħda ħdejh) u li għandu *tail lift* fuq wara[16]. Il-vann – tal-għamla "*Isuzu Elf 1000*" u li jġib in-numru tar-reġistrazzjoni EBI-452[17] – huwa proprjeta' ta' GES[18];

Illi fil-ħin li l-imħarrek ġabar lill-attur, kien diġa' sar ġbir ta' skart mill-imħarrek mir-Residenza San Vinċenz de Paule u l-ħsieb kien li jsir ġbir ta' skart minn xi stabilimenti kummerċjali f'Tas-Sliema u San Ġiljan u mbagħad jibqgħu sejrin jarmu kollox fil-miżbla tal-Magħtab;

Illi l-attur jgħid li dakinhar kien liebes il-ħwejjeġ tiegħu personali u f'saqajh kien xidd karkur. Huwa jgħid li talab lill-imħarrek Ebejer biex, qabel imorru fejn kellhom imorru, jieħdu Ħal Qormi biex ibiddel fil-ħwejjeġ tax-xogħol, fejn hemmhekk kellu wkoll is-'*safety shoes*'[19]. L-attur jgħid illi GES ma kinux tawh '*safety shoes*' u dak li kien jinqeda bih kien sabu mormi u ġabru għalih. Huwa jiċħad illi l-*boots* ingħata mill-kumpanija mħarrka u li kien '*safety shoes*'[20]. Jirriżulta illi kienet prassi illi l-ħaddiema ta' GES jinġabru l-*yard* ta' Ħal Qormi qabel imorru għax-xogħol u mbagħad jitilqu minn hemm[21]. Peress illi dakinhar – li kien jum il-Ħadd – l-imħarrek Ebejer qallu li kien mgħaġġel, baqgħu sejrin tas-Sliema u l-attur baqa' liebes il-karkur f'saqajh[22];

Illi l-imħarrek Mario Ebejer xehed li kien irċieva struzzjonijiet mingħand il-*Manager* tiegħu, Joseph Dalmas, sabiex jagħmel dik ir-rotta partikolari. Dalmas jgħid illi kien ta struzzjonijiet lill-imħarrek Ebejer biex ma jibdiex qabel is-sebgħa ta' filgħodu (7.00 a.m.)[23], u li r-raġuni għaliex l-imħarrek Ebejer beda qabel kien sabiex (Mario Ebejer) jeħles kmieni[24]. Kien l-imħarrek Ebejer illi talab lil Dalmas sabiex fir-rotta tal-Ħadd filgħodu jħallih jitlob lill-attur biex jassistih;

Illi fi triqithom minn Tas-Sliema għal San Ġiljan, l-attur jistqar illi tela' b'ħeffa ġol-kabina tal-vann u qagħad bilqegħda bħala passiġġier ħdejn is-sewwieq. Taħt saqajh fl-art kien hemm ċima li tintuża biex biha jintrabtu flimkien ħalli ma jaqgħux '*mobile toilets*' jew boroż kbar ta' skart li jkunu nġabru u tqiegħdu fil-parti ta' wara tal-vann huma u sejrin bihom għall-ħatt[25];

---

[16] Ara x-xhieda ta' Mario Ebejer fl-atti tal-Att ta-Akkuża 409/09 f'paġ. 51
[17] Dok "DS", f'paġġ. 56 – 8 tal-proċess
[18] Xhieda ta' Brian Farruġia 2.10.2009, f'paġ. 47 tal-att tal-Akkuża 409/09
[19] Affidavit tal-attur immarkat bħala Dok. "A" f'paġ. 15 tal-proċess. Dwar il-fatt illi l-attur kien iħalli s-*safety shoes*fil-bini ta' GES ara x-xhieda ta' Suzanne Żammit f'paġ. 104 tal-proċess, u x-xhieda tagħha stess fl-atti tal-Att tal-Akkuża 409/09, f'paġ. 119
[20] *Ibid*. Ara wkoll kontro-eżami tal-attur f'paġ. 140 tal-proċess, u l-kontro-eżami tax-xhud David Saliba f'paġ. 55G tal-proċess
[21] Ara x-xhieda ta' Joseph Dalmas fl-atti tal-Att tal-Akkuża 409/09 f'paġġ. 138 – 9
[22] Ara xhieda ta' Dr Jonathan Żammit f'paġ. 55H tal-proċess. Ara ukoll ix-xhieda ta' Susanne Żammit f'paġġ. 126 – 7 tal-atti tal-Akkuża 409/09 fejn tikkonferma illi l-attur ma marx il-*yard* f'Ħal Qormi
[23] Ara x-xhieda ta' Joseph Dalmas f'paġ. 140 tal-atti tal-Akkuża 409/09
[24] *Ibid* paġ. 147
[25] Xhieda ta' Norbert Spiteri f'paġ. 29 tal-att tal-Akkuża 409/09

Illi għall-ħabta tal-ħamsa u nofs ta' filgħodu (5.30 a.m.), l-attur rikeb fil-vann wara li kien ġabar xi skart, u malli l-vann beda miexi, siequ x-xellugija nqabdet ġoċ-ċima li biċċa minnha kienet iddendlet 'il barra mill-gabina u nbarmet mar-rota ta' quddiem tal-vann. Bil-ġibda taċ-ċima, inqabdet il-pala tas-sieq ix-xellugija tal-attur, u din rassithielu b'qawwa li qatgħetlu barra l-parti ta' quddiem tal-pala tas-sieq bis-swaba' kollha b'kollox[26]. Il-biċċa tas-sieq li nqatgħet baqgħet imwaħħla mal-karkura;

Illi l-imħarrek ċempel lis-superjur tiegħu biex jgħidlu x'kien ġara u dan jgħid li ċanfru talli kienu bdew jaħdmu qabel is-sebgħa ta' filgħodu (7.00 a.m.)[27];

Illi l-imħarrek ħa lill-attur minnufih fit-Taqsima tal-emerġenza l-Isptar Mater Dei fejn aktar tard dakinhar ġie operat u saritlu anke kirurġija kostruttiva. Il-biċċa tal-pala tas-sieq li nqatgħet mill-bqija ta' riġlu tilifha għal kollox. Huwa ntbagħat lura d-dar wara tmien ġimgħat[28];

Illi f'Diċembru tal-istess sena, l-ispeċjalista ħareġ ċertifikat bil-fehma tiegħu dwar saħħet l-attur fuq dak li sablu[29]. L-ispeċjalista jispjega illi l-attur l-aktar illi ser ikun affettwat huwa fil-mixi u fl-għamla ta' żraben li jkollu jilbes. Mill-aspett ta' difformita', l-attur ma jistax joħroġ ħafi jew imur jgħum mingħajr ma jkun affettwat psikoloġikament[30];

Illi jirriżulta illi l-Awtorita' għas-Saħħa u Sigurta Fuq il-Post tax-Xogħol ħadet passi kriminali kontra żewġ rappreżentanti ta' GES[31], u permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali sabet ħtija fil-konfront tagħhom[32];

Illi filwaqt li GES tisħaq li lill-attur ipprovdietlu uniformi, ingwanti u żraben tas-sigurta', ma jirriżultax jekk ipprovdietx xi forma ta' taħriġ lill-attur[33];

Illi GES tisħaq illi hija pprovdiet lill-attur b' '*safety boots*'[34]. Dan ġie konfermat ukoll minn impjegati oħra li jaħdmu mal-istess kumpannija mħarrka li xogħolhom kien li jsuqu l-vetturi għall-ġbir tal-iskart[35], kif ukoll

[26] Affidavit tal-attur Dok. "A" f'paġġ. 15 – 6 tal-proċess. Ara wkoll x-xhieda ta' Mr C Sciberras f'paġ. 55C tal-proċess, u x-xhieda ta' Mario Ebejer f'paġġ. 54 – 55 tal-atti tal-Att tal-Akkuża 409/09
[27] Xhieda ta' Joseph Dalmas f'paġ. 126 tal-proċess
[28] Dok. "MAI 1" f'paġġ. 17-19 tal-proċess
[29] Ċertifikat mediku maħruġ minn Mr C Sciberras f'paġġ. 20-22 tal-proċess
[30] Xhieda ta' Carmel Sciberras f'paġ. 55b tal-proċess
[31] Qorti tal-Maġistrati (Malta) (Maġ. Dr Anthony J. Vella) fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Susanna Żammit u Joseph Dalmas maqtugħa fl-1 ta' Lulju, 2010, paġġ. 182 – 190 tal-atti tal-Akkuża Nru. 409/09
[32] Appell Numru 341/2010, Qorti tal-Appell Kriminali (Onor. Dr Michael Mallia) f'paġġ. 97-101 tal-proċess
[33] Ara x-xhieda ta' Mario Eberjer f'paġ. 62 tal-atti tal-Akkuża 409/09
[34] Xhieda ta' Susanne Żammit f'paġ. 104 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda ta' Mario Ebejer rigward ix-xiri tal-ilbies protettiv f'paġ. 60 tal-atti tal-Akkuża 409/09
[35] Ara x-xhieda ta' Clint Mifsud f'paġ. 116 tal-proċess u Emanuel Azzopardi f'paġ. 115 tal-proċess

mill-imħarrek Mario Ebejer[36]. Tgħid ukoll illi ċ-ċima hija proprjeta' tagħha[37], l-użu tagħha kien sabiex jintrabat ix-xogħol biha waqt il-ġarr minn post għal ieħor[38], u li dan il-ħabel kellu jitpoġġa mis-sewwieq tal-vann fuq in-naħa ta' wara tal-gabina tal-istess vann[39];

Illi jirriżulta illi s-superviżjoni tal-ħaddiema kienet f'idejn Joseph Dalmas[40];

Illi jirriżulta wkoll illi fil-jum tal-inċident l-imħarrek Ebejer kien impjegat ma' GES, iżda wara l-inċident ma baqax aktar impjegat magħha[41]. L-attur ukoll, wara l-inċident, sab xogħol ma' ħaddieħor u wara xi sentejn sab impieg f'ħanut li jbigħ il-laħam[42];

Illi fit-30 ta' Settembru tal-2008, l-attur bagħat ittra uffiċjali lil GES biex tersaq għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni u din warrbet il-pretensjonijiet tiegħu b'ittra uffiċjali tagħha tas-7 ta' Ottubru, 2008[43];

Illi fil-5 ta' Ġunju, 2009, l-attur fetaħ din il-kawża;

Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tagħmel **il-konsiderazzjonijiet ta' natura legali** marbutin mal-każ. Il-Qorti trid tistħarreġ dwar min kien ħati tal-inċident li fih korra l-attur u dan fid-dawl tal-eċċezzjonijiet imressqin minn GES, partikolarment dik fejn tgħid li mhix responsabbli għall-inċident;

Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti tqis li għandha tipprovdi dwar l-**ewwel eċċezzjoni** ta' GES. Jidher li biha trid tgħid li hi ma għandha ġġorr l-ebda responsabbilta' għal dak li ġara minħabba li l-attur ma kienx impjegat magħha u li dakinhar li seħħ l-inċident lanqas biss messu kien fuq il-vann;

Illi fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha, jidher li GES[44] ma baqgħetx tisħaq fuq dik l-eċċezzjoni, għaliex tistqarr li, minkejja x-xorta ta' sejħat li kienet tagħmel lill-attur, huwa kien tabilħaqq impjegat magħha;

Illi minkejja din ir-rinunzja għall-eċċezzjoni, il-Qorti jidhrilha xieraq u meħtieġ li tagħmel osservazzjonijiet dwarha għall-finijiet ta' meta sejra

---

[36] Ara x-xhieda ta' Mario Ebejer f'paġ. 60 tal-atti tal-Akkuża 409/09
[37] Ara wkoll ix-xhieda ta' Susanne Żammit f'paġġ. 129 – 130 tal-atti tal-Akkuża 409/09
[38] Ara wkoll ix-xhieda ta' Mario Ebejer f'paġ. 55 tal-atti tal-Akkuża 409/09
[39] Kontro-eżami ta' Susanne Żammit f'paġġ. 145 – 6 tal-proċess
[40] Ara x-xhieda ta' Joseph Dalmas f'paġ. 147 tal-atti tal-Akkuża 409/09
[41] Ara l-kontenut tat-Talba tal-kumpannija mħarrka tat-22 ta' Awissu, 2011 f'paġ. 66 tal-proċess u x-xhieda ta' Mario Ebejer f'paġ. 49 tal-atti tal-Akkuża 409/09
[42] Xhieda tiegħu f'paġ. 140 tal-proċess
[43] Dok "A", f'paġ. 36 tal-proċess
[44] Ara Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġ. 169 tal-proċess

tqis it-talbiet attriċi dwar il-kwestjoni tar-responsabbilta' tal-inċident u l-eċċezzjonijiet l-oħrajn ta' GES;

Illi l-Qorti tqis li, kif tajjeb jissottometti l-attur fin-Nota tiegħu, ma għandux għalfejn li persuna tkun impjegat ta' xiħadd biex titnissel ir-responsabbilta' għal korriment fuq post tax-xogħol[45]. Taqbel ukoll li t-tifsira tal-kelma 'impjegat' fl-Att dwar is-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol[46] hija waħda wiesgħa u tgħodd fiha wkoll saħansitra persuna li timpjega lilha nnifisha[47]. F'dan il-każ, il-Qorti ma tistax tilqa' dik l-eċċezzjoni bħala waħda tajba, ukoll għaliex ma jidhrilhiex li GES seħħilha turi li l-attur tassew ma kienx impjegat tagħha dakinhar li seħħ l-inċident;

Illi biex wieħed ikun impjegat, fil-liġi, ma jeħtieġx kuntratt miktub u r-rabta tal-impieg titnissel bil-fatt tal-għoti tas-servizz fuq medda ta' żmien taħt id-direzzjoni ta' dak li jagħti x-xogħol[48]. Fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, ħareġ mill-provi li l-attur kien ilu x-xhur jagħti s-servizzi tiegħu lil GES fix-xogħol tal-ġbir tal-iskart qabel dakinhar tal-inċident u kienet tqabbdu jagħmel dan b'mod regolari[49]. Rappreżentanti ta' GES ukoll kienu jqisuh bħala impjegat magħhom[50]. Tgħid ukoll li saħansitra kienet tatu t-tagħmir protettiv li kienet tagħti lill-impjegati kollha tagħha, iżda tisħaq li magħha huwa kien jaħdem bħala sub-kunduttur ('*sub contractor*');

Illi l-Qorti tagħraf li n-negozju tal-ġbir tal-iskart f'Malta jinqeda b'persuni ta' ftit ħila u li x'aktarx ikunu jinsabu f'qagħda mwiegħra ekonomika, bħalma kien l-attur, li kien ġie Malta bħala immigrant, għalkemm jidher li kellu kwalifiki akkademiċi (kien spiżjar[51]). Minħabba f'hekk, l-ambjent u l-kundizzjonijiet li fihom jitħaddmu nies bħal dawn jista' jħajjar għall-isfruttament tagħhom minn min iħaddimhom. Il-leġislatur tagħna b'dehen ra li jixraq jirregola l-ingaġġ ta' nies f'qagħda bħal din u ipprovda għal kriterji biex inaqqas l-abbuż tagħhom. Għalhekk, ma jgħodd xejn x'tikketta tingħata lill-ingaġġ ta' persuna jekk kemm-il darba f'ingaġġ bħal dak jirriżultaw ċirkostanzi li jixhdu li dak li jintalab li jsir ikun fil-fatt rabta ta' impieg. Mela, jekk persuna tiddependi minn persuna waħda li mingħandha titħallas il-biċċa l-kbira għax-xogħol li tagħmel fuq medda ta' sena, jew tiddependi minnha dwar liema xogħol mistennija li twettaq u kif għandha tagħmlu; jew jekk biex tagħmel ix-xogħol li tintalab, tinqeda

[45] P.A. GCD **10.7.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Benjamin Sammut vs Meli Bugeja & Co Limited*** (*in parte* mhix appellata)
[46] Att XXVII tal-2000 (Kap 424)
[47] Art. 2(1) tal-Kap 424
[48] Ara tifsira ta' "*impjegat*" u ta' "*kuntratt ta' impieg*" fl-art 2 tal-Att tal-2002 dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap 452)
[49] Xhieda tiegħu f'paġġ. 31, 38 u 39 tal-att tal-Akkuża 409/09
[50] Xhieda ta' Suzanne Żammit f'paġ. 115 u ta' Joseph Dalmas f'paġ. 135 tal-att tal-Akkuża 409/09
[51] Dok "MAI2", f'paġ. 20 tal-proċess

b'għodda, makkinarju jew tagħmir ta' min jitlobha tagħmlu jew taħdem dan fil-qafas tal-organiżżazzjoni ta' min jagħti x-xogħol u fl-istess ħinijiet u kundizzjonijiet li jagħmlu x-xogħol l-impjegati regolari ta' min iqabbad ix-xogħol; jew jekk ix-xogħol li jintalab u jitwettaq ikun l-element ċentrali fl-organiżżazzjoni u t-twettiq tal-għanijiet tal-persuna għal min ix-xogħol jew servizz ikun qed jingħata, allura bil-liġi dak li jagħmel ix-xogħol jitqies li huwa impjegat ta' dik il-persuna (kemm jekk persuna fiżika u kif ukoll jekk persuna ġuridika), minkejja kull titlu ieħor jew sejħa li tista' tingħata[52];

Illi l-Qorti tara li bosta minn dawn iċ-ċirkostanzi joħorġu ċari mill-provi fix-xogħol li l-attur kien jagħti lil GES u minħabba f'hekk tasal għall-fehma li l-attur kien impjegat tagħha u li l-eċċezzjoni mhijiex mistħoqqa u mhix sejra tintlaqa'. Minbarra dan, issib li l-verżjoni mogħtija minn GES dwar kif ir-rabta tal-attur max-xogħol li kien jagħmel kienet tiddependi mis-sejħat li jagħmillu l-imħarrek Ebejer bħala waħda mġebbda. L-imħarrek kien impjegat u mhijiex ħaġa tas-soltu li impjegat jaħtar kuntrattur biex jgħinu jagħmel ix-xogħol li jagħti l-prinċipal: għall-kuntrarju, huwa l-prinċipal li jsejjaħ u jqabbad in-nies għax-xogħol li għandu bżonn. Irriżulta wkoll li l-ħlas għax-xogħol mogħti mill-attur ma kienx isir mill-imħarrek Ebejer imma minn GES innifisha. Din is-sottomissjoni mressqa minn GES[53] hija wkoll kontradetta mill-provi mressqa, saħansitra minn GES innifisha, fejn joħroġ ċar li l-attur kien jitħaddem bis-sejħa ta' GES u minnha;

Illi bħal f'kull każ ieħor ta' azzjoni mibnija fuq id-dannu u l-kumpens pretiż, l-ewwel stħarriġ li trid tagħmel il-Qorti huwa dak dwar x'ġara tassew fl-episodju in kwestjoni u x'rabta kellu ma dak li għadda min għalih l-attur. B'dan il-mod, tkun f'qagħda li tagħmel il-kostatazzjonijiet tagħha dwar min jaħti għal dak li ġara u min irid jagħmel tajjeb għalih. Huwa l-obbligu ta' l-attur li jġib provi tajba biżżejjed biex isostni l-każ tiegħu u l-korriment waħdu marbut max-xogħol li kien qiegħed jagħmel dak il-ħin ma jissarrafx, fih innifsu, fis-sejbien tal-ħtija ta' min kien qed iħaddmu. It-teżi waħdanija tal-attur hija li l-kumpannija mħarrka naqset li tħaddem sistema tajjeb u xieraq biex saħħtu ma titqiegħedx f'periklu waqt li kien qed jaħdem magħha. Huwa jgħid li korra waqt li kien qiegħed jaħdem u waqt li kien qed jagħmel dak li tqabbad jagħmel;

Illi min-naħa tagħha, il-kumpannija mħarrka tiddefendi l-każ tagħha fuq żewġ difiżi: l-ewwel waħda li hija ipprovdiet it-tagħmir neċessarju sabiex l-attur seta' jaħdem mingħajr periklu; it-tieni, illi l-attur naqas li jilbes is-

[52] Ara Reg 3(1) tal-Ordni tal-2012 ta' Standard Nazzjonali dwar l-Istatus tal-Impieg (A.L. 44/2012, L.S. 452.108)
[53] Ara Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġ. 166 tal-proċess

*safety shoes* meħtieġ. Għaldaqstant tgħid li ma għandhiex ħtija għal dak li seta' ġara lill-attur;

Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tistħarreġ **il-kwestjoni tar-responsabbilta'** għal dak li wassal għall-inċident u għall-korriment tal-attur fid-dawl kemm tal-pretensjonijiet tal-istess attur u wkoll tal-imsemmija difiżi mressqa minn GES;

Illi d-dottrina tgħallem illi fil-qasam tar-responsabbilta' dwar korriment li jseħħ fuq il-post tax-xogħol waqt il-qadi ta' dmirijiet tal-persuna li tkun, japplikaw kemm regoli ġenerali kif ukoll speċjali. Ir-regoli ġenerali jgħabbu lil kull persuna bir-responsabilta' għal għemil jew nuqqas ta' għemil tagħha[54]. B'żieda ma' dan, kull min iħaddem jrid iwieġeb għall-aġir tal-ħaddiem tiegħu[55], sakemm ma jintweriex li dak il-ħaddiem naqas li joqgħod għall-istruzzjonijiet jew għall-prekawzjonijiet li l-imgħallem tiegħu jkun widdbu bihom jew ipprovdielu, jew sakemm ma jintweriex li l-ħaddiem, bi traskuraġni jew b'rieda, ikun hu nnifsu ġab b'idejh l-effetti tal-inċident;

Illi b'żieda ma' dan, hija regola oħra ewlenija f'dan il-qasam, li l-imgħallem irid jiżgura li jipprovdi lill-ħaddiema tiegħu b'ambjent li jżomm 'il bogħod kull periklu u dan billi jiżgura li jitħaddem sistema xieraq ta' ħarsien minn kull periklu fejn ikun sejjer isir ix-xogħol minnu mitlub. Fid-dritt, dan id-dmir iġorr miegħu grad għoli ta' responsabbilta' fuq l-imgħallem, u jaqa' fuqu l-piż li jipprova li l-inċident ikun seħħ minkejja li jkun ħares dak kollu li l-liġi tistenna minnu f'dan ir-rigward. Huwa wkoll dmir li jitfa' fuq min iħaddem il-piż li jieħu miżuri preskritti xierqa[56] u jġib miegħu wkoll id-dmir tal-għoti ta' tagħrif meħtieġ, l-għoti ta' tagħlim u taħriġ u kif ukoll superviżjoni biex titħares is-saħħa u s-sigurta' tal-ħaddiem[57];

Illi huwa stabilit li dan id-dmir ta' min iħaddem jitlob ukoll li s-sistema tax-xogħol li jkun irid iħares lill-ħaddiema wkoll fil-każ li r-rutina tal-istess xogħol tnissel sens ta' aljenazzjoni jew traskuraġni[58]. Daqstant ieħor ifisser li jekk sistema jkun ilu jitħaddem għal tul ta' żmien bla ma qatt ikun inqala' xi inċident, dan ma jfissirx li dik is-sistema huwa wieħed sikur jew li jeħles lill-imgħallem mir-rabtiet imposti fuqu mil-liġi[59];

---

[54] Art. 1031 tal-Kap 16
[55] Art. 1037 tal-Kap 16
[56] Art. 6(2) tal-Kap 424
[57] Art. 6(3) tal-Kap 424
[58] Kumm. JH **9.9.1981** fil-kawża fl-ismijiet ***Godfrey Borġ vs George Wells et noe*** (mhix pubblikata)
[59] P.A. **10.10.1980** fil-kawża fl-ismijiet ***Calleja vs Fino*** (mhix pubblikata)

Illi jrid jingħad ukoll li l-imsemmi grad għoli ta' responsabbilta' fuq min iħaddem ma jeħlisx lil min jaħdem mill-obbligu li jħares is-saħħa u s-sigurta' tiegħu nnifsu u ta' dawk kollha li jistgħu jintlaqtu mix-xogħol li jkun qiegħed iwettaq[60], u b'mod partikolari, għandu jimxi id f'id ma' min ikun qiegħed iħaddmu safejn jidħlu l-obbligi li l-liġi tqiegħed fuq spallejn l-imgħallem u l-awtoritajiet kompetenti[61] u għandu jżomm lura milli jqiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li tesponih għar-riskju bla bżonn u li joqgħod f'kull ħin attent għal dak li jkun qiegħed jagħmel[62]. B'mod partikolari, ħaddiem għandu jkun konxju tal-perikli fuq il-lant tax-xogħol tiegħu u ma għandu qatt jagħmel manuvri azzardati li jgħollu r-riskju tal-ħsara jew tal-korriment lilu nnifsu u 'l dawk ta' madwaru[63];

Illi dan kollu juri li r-responsabbilta' tal-imgħallem mhijiex waħda li tabilfors tintrabat miegħu awtomatikament għal kull inċident li jġarrab xi impjegat tiegħu waqt ħin ix-xogħol (dik li tissejjaħ "strict liability"). Għalkemm hija responsabbilta' li titlob prudenza, għaqal u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja[64], ma titlobx grad ogħla ta' responsabbilta', u tista' saħansitra tixxejjen jekk kemm-il darba l-impjegat innifsu jkun traskurat jew saħansitra jmur kontra dak li jkun intalab li jagħmel jew li m'għandux jagħmel[65];

Illi biex isir stħarriġ xieraq tad-dinamika dwar kif ikun seħħ inċident, jeħtieġ li l-Qorti tqis l-ambjent kollu tal-post tax-xogħol[66], jiġifieri mhux biss it-tagħmir jew l-impjant li fuqu jew bih ikun qiegħed jitwettaq ix-xogħol magħżul, imma saħansitra l-mod kif ikun qed jitwettaq ix-xogħol u l-ambjent li fih il-ħaddiem involut ikun tqiegħed jaħdem mill-imgħallem tiegħu;

Illi fil-każ tal-lum mhux kontestat illi l-attur kien qed jagħmel dak li hu impjegat li jagħmel, jiġifieri li jiġbor l-iskart u jqiegħdu ġol-kaxxa tal-vann. Infatti l-inċident seħħ waqt ġurnata ta' xogħol bħall-oħrajn, xejn aktar u xejn inqas bid-differenza, jgħid l-attur, li flok ma ġiet segwita l-proċedura 'normali' li jibda fis-sebgħa jew tmienja ta' filgħodu, dakinhar beda fil-ħamsa ta' filgħodu; u flok mal-attur irraporta fil-*yard* sabiex ibiddel ħwejġu u jilbes is-*safety shoes*, is-sewwieq baqa' sejjer dritt biex jagħmlu r-ronda ta' ġbir ta' skart bil-konsegwenza illi l-attur għamel xogħolu bl-ilbies li ħareġ bih mid-dar u b'karkur f'saqajh;

[60] Art. 7(1) tal-Kap 424
[61] Art. 7(2) tal-Kap 424
[62] P.A. RCP **30.10.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Richard Farruġia vs Elbros Construction Ltd***
[63] P.A. TM **9.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Kevin Mallia vs Alf Mizzi & Sons (Marketing) Ltd.***
[64] Art. 1032(1) tal-Kap 16
[65] App. Ċiv. **9.1.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Peter Ronald vs Polibon Construction Ltd.***
[66] App Ċiv. **14.5.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Christian Buġeja vs Dr Gerald Montanaro Gauċi noe***

Illi mill-provi jirriżulta illi hemm xhieda konfliġġenti dwar jekk GES ipprovdietx jew le s-*safety shoes* lill-attur. Filwaqt illi hija tgħid li mhux biss ipprovdietlu wieħed (bħalma ipprovdiet lil kull ħaddiem ieħor) iżda tatu wkoll kull ilbies ieħor distintiv u protettiv li kien mistenni waqt il-qadi tax-xogħol, l-attur jiċħad kategorikament illi hija għamlet dan u jgħid li ż-żarbun li kellu kien ġabru minn qalb l-iskart;

Iżda lil hemm mill-fatt dwar minn xtara s-*safety shoes*, l-iżjed element importanti li l-Qorti tqis illi għandha tagħti widen għalih minn dak li jgħid l-attur huwa l-fatt li, filwaqt li l-attur kien mistenni li jirraporta l-*yard* tal-kumpannija f'Ħal Qormi fejn hemmhekk kien ibiddel u jilbes il-ħwejjeġ tax-xogħol, inkluż allura s-*safety shoes*, jirriżulta illi din il-prassi ma ġietx segwita mill-imħarrek Ebejer dakinhar tal-inċident, minkejja li l-attur kien talbu biex l-ewwel jieħdu Ħal Qormi biex ibiddel qabel ma jibqgħu sejrin jiġbru l-iskart fejn kien jonqoshom imorru flimkien;

Illi din iċ-ċirkostanza ġġib fix-xejn il-kwestjoni dwar jekk lill-attur ingħatawlux żraben protettivi jew le, għaliex ukoll kieku GES għandha raġun f'li qegħda tgħid, il-fatt li l-attur kien imċaħħad milli jxiddhom qabel jibda x-xogħol tiegħu jiswa daqslikieku ma ngħatawlux sa mill-bidu. Il-Qorti tasal għall-fehma illi GES tassew kienet ħarġet l-istruzzjonijiet lill-impjegati tagħha dwar l-ilbies minn qabel tal-ilbies protettiv, iżda li l-imħarrek Ebejer kisirhom minn jeddu biex seta' jħaffef ix-xogħol u jlesti qabel il-ħin;

Illi fil-fehma tal-Qorti, din iċ-ċirkostanza twassalha biex tqis li l-attur ma jistax jingħad li ġab b'idejh il-ħsara li ġratlu. Fis-sottomissjonijiet tagħha[67], GES qanqlet l-argument tal-*volenti non fit iniuria*. Hija tisħaq ħafna li l-attur messu ma rikibx fil-vann ladarba ma kienx liebes l-ilbies protettiv, u għalhekk tgħid li jmissu jaħti għal dak li ġralu. Il-Qorti ma tistax toqgħod fuq dan l-argument. L-attur ma kellux għażla: jekk ried jobdi s-sejħa biex jaħdem, ma setax ma jirkibx fil-vann. Għamel li kellu jagħmel biex jitlob lill-imħarrek Ebejer biex qabel jgħaddi bih sa Ħal Qormi biex ibiddel għall-ħwejjeġ tax-xogħol. L-attur ma kienx is-sewwieq u ma kienx jikkontrolla l-qagħda li kien fiha. Kien l-imħarrek Ebejer li dak il-ħin kien jikkontrolla lill-attur u lil kull ħaġa li kien hemm fil-vann, tajba jew ħażina. Dan kien qed jagħmlu f'isem il-prinċipal tiegħu, li kien jaf li l-attur kien ser ikun jaħdem miegħu;

Illi huwa mgħallem u aċċettat b'awtorita' li biex tirnexxi l-imsemmija difiża, il-parti li tqajjem dik l-eċċezzjoni trid turi li l-parti mġarrba (i) kienet aċċettat bi qbil li twettaq xi ħaġa li esponietha għal riskju, (ii) li dik l-

[67] Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġ. 175 tal-proċess

aċċettazzjoni tkun waħda volontarja u (iii) li meta l-parti aċċettat, hija kienet tagħraf bis-sħiħ l-għamla u l-possibilita' tar-riskju li dieħla għalih[68]. Dawn l-elementi marbutin u mħaddma flimkien iservu biex jaqtgħu il-ġrajja dannuża mir-rabta tagħha mal-effetti li ġġib u dan billi l-għamil tal-parti mġarrba jaqta' r-rabta tal-kawżalita' mill-għamil tal-parti l-oħra[69]. L-aspett tal-volontarjeta' f'dak li tkun għażlet li tagħmel il-parti mġarrba huwa element partikolari li jiddistingwi dik l-imġiba minn waħda li tkun l-effett ta' att ta' ubbidjenza għal ordni ta' ħaddieħor[70]. F'dan il-każ, il-Qorti diġa' semmiet kif ma jinstabux l-elementi biex din id-difiża ta' GES tirnexxi;

Illi min-naħa l-oħra, GES hija obbligata li tagħmel superviżjoni u li għaldaqstant kien mistenni minnha li tinduna b'dak li kien qed jiġri jew li tipprovdi għal certi nuqqasijiet tal-ħaddiema li ta' sikwit ikollhom tendenza minħabba familjarita` żejda max-xogħol, li jieħdu riskji inerenti fix-xogħol tagħhom b'nofs kedda[71]. F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħti piż lill-fatt illi l-imħarrek Ebejer ingħata struzzjonji li f'jum il-Ħadd jibda bir-ronda tal-ġbir tal-iskart fis-sebgħa ta' filgħodu u li kien l-imħarrek Ebejer illi ma ħarisx dawn l-istruzzjonijiet. Il-Qorti għandha dubju wkoll dwar kemm id-direttiva tal-bidu tax-xogħol fis-sebgħa ta' filgħodu kienet waħda minnha. Dan qiegħed jingħad fid-dawl tax-xhieda mogħtija minn uffiċjal tal-istess GES li xehdet li normalment ir-ronda tibda fil-ħamsa ta' filgħodu[72];

Illi min-naħa l-oħra, għar-rigward taċ-ċima u taż-żamma tagħha fuq wara tal-kabina tal-vann, il-Qorti mhix konvinta illi din il-prassi kienet qed tiġi segwita mill-impjegati ta' GES, u kien jaqa' fuqha d-dmir li tassigura li l-impjegati joqogħdu fuq dak li tordnalhom jagħmlu. Jirriżulta illi l-imħarrek Ebejer kien jaf b'dik ir-rotta ta' tas-Sliema / San Ġiljan u bl-użu ta' dak il-vann partikolari sa mill-jum ta' qabel, għaliex l-istruzzjonijiet inħarġu mill-Manager Joseph Dalmas minn lejliet. Jirriżulta wkoll illi dak il-vann biss kellhu dik iċ-ċima għaliex kien ta' ċertu kobor u kien jintuża għall-ġarr ta' oġġetti fejn ma jidħlux l-Iscammels li kellha GES. Jirriżulta wkoll li, ħlief għal meta jkunu għat-tiswija, il-vetturi ta' GES jitraqqdu fil-bitħa tagħha f'Ħal Qormi u minn hemmhekk jinġabru mis-sewwieqa meta jidħlu għax-xogħol filgħodu. Dan ifisser li GES kienet responsabbli li tara li l-kundizzjoni tal-vetturi kienet taqbel mad-direttivi tagħha stess u ma' dak li mitlub minnha mil-liġi biex ma jkunux ta' periklu jew ħsara għall-ħaddiema li riedu jaħdmu fihom. Dan jgħodd ukoll għal dak li jkun hemm

[68] Ara s-sentenza riċensjuri P.A. RCP **31.5.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Kevin Żammit vs Maltapost p.l.c.*** (mhix appellata)
[69] P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Michael D'Amato noe vs Filomena Spiteri et*** (mhix appellata)
[70] P.A. GCD **7.12.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmel Polidano vs Korporazzjoni Enemalta*** (mhix appellata)
[71] App. Ċiv. **15.11.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Ċini vs George Wells noe***
[72] Xhieda ta' Suzanne Żammit f'paġ. 92 tal-proċess

fl-istess vetturi, bħalma kienet iċ-ċima li tħalliet fl-art tal-kabina minflok tpoġġiet fuq in-naħa ta' wara tal-istess kabina;

Illi huwa hawnekk illi, fl-opinjoni ta' din il-Qorti, GES naqset mill-obbligu tas-superviżjoni, għaliex filwaqt illi ma kellha ebda kontroll fuq l-imħarrek Ebejer fi x'ħin kien ser jibda bir-rotta tax-xogħol, min-naħa l-oħra kienet f'qagħda illi setgħet tassigura illi ċ-ċima tkun mpoġġija fuq wara tal-kabina tal-vann, kif tgħid li kellu jsir u kif ma għamlitx;

Illi barra minn hekk ma ġiex ippruvat minn GES illi ipprovdiet lill-attur bit-taħriġ meħtieġ sabiex seta' jagħmel xogħolu bla ma jidħol f'periklu, għalkemm jibqa' l-fatt illi t-taħriġ waħdu mhix difiża tajba biżżejjed biex teħles lil GES mill-ħtieġa ta' superviżjoni tajba għaliex ebda taħriġ u ebda tiswijja minn qabel ma huma biżżejjed biex jeħilsu lil min jagħti x-xogħol mid-dmir li jipprovdi lill-ħaddiem bis-supervizzjoni xierqa minn persuna ta' ħila, u li f'kull waqt tkun qiegħda tara li l-ambjent tax-xogħol ma jkunx tali li jwassal għal xi inċident[73];

Illi GES qajmet ukoll l-argument li l-inċident kien skerz (sejħitlu '*freak accident*') u bl-ebda mod ma kien prevedibbli[74]. Għalhekk, ixxebbhu ma' każ fortuwitu li hija ma tista' qatt tinżamm responsabbli għalih[75]. Filwaqt li l-Qorti tifhem li dak li ġara kien xiħaġa li tiġri bħal fula f'qamar, ma jistax jingħad li t-tħollija ta' ċima tiġri mas-saqajn ma setgħetx twassal lil min għandu ftit dehen f'moħħu li jistenna li xiħadd seta' jitgerbeb fiha jew li setgħet taqbad ma' riġel jew sieq xiħadd. Mhux hekk biss, iżda bil-mod kif id-dħul u l-ħruġ mill-kabina kien xiħaġa mistennija meta l-iskart ikun qed jinġabar minn iżjed minn post wieħed (bħalma kien il-każ fl-inċident li kien imdaħħal fih l-attur), hekk ukoll wieħed seta' jobsor li, fil-ħeffa li biha jkun qed isir ix-xogħol, l-istess ċima setgħet tibqa' mdendla 'l barra mill-kabina u titkaxkar mal-vann, kif fil-fatt sar;

Illi l-Qorti ma tara xejn imprevedibbli f'dan il-każ. Għall-kuntrarju, issib li l-argument ta' GES li hija tibqa' responsabbli biss safejn inċident ikun jaqa' fil-parametri tal-mistenni huwa wieħed li jaqleb ta' taħt fuq ir-raġunament ta' min imissu jkun attent fit-twettiq tar-responsabbiltajiet tiegħu bla ma b'hekk iħajjar lil min jittraskura jew saħansitra jażżarda u jipperikola saħħet ħaddieħor. Li kieku ma kienx hekk, ma kien jagħmel l-ebda sens għal GES li tgħid li kienet ordnat li ċ-ċima riedet tinżamm marbuta man-naħa ta' wara tal-kabina tal-vettura;

[73] P.A. TM, **19.5.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Richard Farruġia vs Elbros Construction Ltd*** (mhix appellata)
[74] Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġġ. 176 – 180 tal-proċess
[75] Art. 1029 tal-Kap 16

Illi fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tasal għall-fehma illi kemm GES u kif ukoll l-imħarrek Ebejer huma responsabbli għall-inċident li bih indarab l-attur u li ma ntweriex li l-attur ta xi sehem f'dak li ġaralu;

Illi jmiss li l-Qorti tqis jekk il-ħtija minn naħa tal-imħarrkin ikkaġunatx id-dannu attwalment mġarrab mill-attur, għaliex minbarra s-sejbien tal-ħtija, jeħtieġ li jkun stabilit ukoll li kienet dik il-ħtija li kkaġunat id-dannu attwalment mġarrab[76];

Illi l-Qorti għandha quddiemha żewġ opinjonijiet mediċi (dak *ex parte* u dak l-ieħor tal-Perit maħtur mill-Qorti) li juru li d-dannu li l-attur ġarrab kien konsegwenza diretta tal-inċident, anke jekk ivarjaw f'dak li jirrigwarda l-perċentwali marbut mad-debilita';

Illi l-Qorti tqis illi l-partijiet ma ressqux talba għall-ħatra ta' periti addizzjonali biex iwaqqgħu l-fehmiet imtennija mill-perit mediku maħtur minnha, għalkemm għall-bidu l-attur kien irriżerva li jitlob lill-Qorti tħallih iressaq lill-istess perit mediku b'xhud tiegħu fl-eskussjoni[77]. Jidher iżda, li l-attur qagħad għall-fehma tal-istess perit tant li fis-sottomissjonijiet tiegħu jistrieħ fuq dik il-fehma. Min-naħa l-oħra, GES ma meriet bl-ebda mod l-istess fehma. Għaldaqstant, wara li eżaminat b'reqqa l-provi fil-kumpless tagħhom, il-Qorti hija tal-fehma illi r-rapport mediku għandu jintlaqa' bħala prova kemm tal-ħsara li ma tgħaddix li ġarrab l-attur u kif ukoll bħala prova li dik il-ħsara kienet l-effett dirett tal-inċident li għalih, kif ingħad, jaħtu kemm GES u kif ukoll l-imħarrek Ebejer u għalih iridu jagħmlu tajjeb lill-attur;

Illi f'dan il-waqt il-Qorti tqis li ma jistax ikun determinat kemm mill-ħtija jmissha tinġarr minn GES u kemm mill-imħarrek Ebejer. Dan jingħad għaliex il-Qorti rat li l-binja tar-responsabbiltajiet taqa' fuqhom it-tnejn b'mod li ma huwiex possibbli li tifred biċċa minnha minn biċċa oħra. Għalhekk, il-Qorti tqis li jgħodd dak li tipprovdi l-liġi f'ċirkostanza bħal din u ssib li l-ħtija ta' GES u tal-imħarrek Ebejer hija waħda solidali[78];

Illi għalhekk l-ewwel talba attriċi hija mistħoqqa u sejra tintlaqa' filwaqt li t-tieni eċċezzjoni ta' GES mhijiex tajba u mhix sejra tintlaqa';

Illi ladarba l-Qorti sabet li l-ewwel talba attriċi hija mistħoqqa, il-konsegwenza ta' tali nuqqas huwa l-għoti tad-danni lill-attur. Ghalhekk **it-tieni talba** hija wkoll mistħoqqa u jixraq li tintlaqa' u dan fir-rigward taż-żewġ imħarrkin, kif għadu kif ingħad;

[76] P.A. TM **30.5.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***David Gatt vs Peter Calleja*** (mhuxappellata)
[77] Paġ. 86 tal-proċess
[78] Art. 1050(1) tal-Kap 16

Illi għal dak li jirrigwarda **l-likwidazzjoni tal-kumpens** li jistħoqqlu jiġbor l-attur, jibda biex jingħad li mill-provi mressqa, l-attur ma jidhirx li qed iressaq pretensjoni dwar nefqiet imwettqa[79] ("*damnum emergens*") iżda biss għal telf ta' qligħ għall-ġejjieni (*lucrum cessans*);

Illi f'dak li jirrigwarda t-telf ta' qligħ għall-ġejjieni, il-Qorti jidhrilha li jkun xieraq li tgħid li fit-tfassil tal-aċċertament tad-dannu pretiż, hija trid timxi ma' dak li tispeċifika l-liġi. F'dan il-każ, il-kriterji jissemmew fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fil-każ li għandha quddiemha, dan il-kumpens irid jitqies fuq it-telf ta' qligħ li l-attur seta' bata diga' minn dak inhar tal-inċident sal-lum, u wkoll dak li se' jkollu jbati 'l quddiem minħabba l-inkapaċita' għal dejjem li huwa ġarrab fl-inċident mertu tal-każ;

Illi l-kliem "inkapaċita għal dejjem" li ssemmi l-liġi fihom iżjed minn tifsira waħda. Dan għaliex filwaqt li "*f'sens mediku tikkomprendi dak id-dannu li għalkemm skaturit minn inċident speċifiku fi żmien partikolari jħalli fuq is-suġġett danneġġjat riperkussjonijiet ta' natura durevoli, f'sens legali tikkonsisti f'dak il-qagħda fejn id-danneġġjat ma jkomplix jużufruwixxi ruħu kif imiss minn dak il-qligħ li kien jirrejalizza kieku ma kienx għall-event leżiv*"[80];

Illi hemm linja ta' ħsieb li tqis li l-kejl tal-kumpens li l-parti mġarrba jistħoqqilha tingħata jrid ikun immexxi mill-principju tar-*restitutio in integrum* safejn possibbli u fis-sens li l-għan tal-likwidazzjoni tad-dannu mġarrab għandu jkun dak li jerġa' jqiegħed lill-persuna mġarrba f'pożizzjoni daqslikieku ma kien ġaralha xejn[81];

Illi huwa minnu li l-liġi tagħna tagħraf bejn "telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali" u "telf ta' qligħ li jbati 'l quddiem". Huwa wkoll minnu li dawn iż-żewġ kategoriji ta' telf huma magħrufa wkoll f'sistemi evoluti ta' likwidazzjoni ta' kumpens għal ħsara li jħalli l-korriment ta' persuna, u dan meta jiddistingwu bejn "*past pecuniary loss*" u "*future pecuniary loss*". Tant hu hekk, li huwa mgħallem li "*Past pecuniary loss comprises special damage and is separately assessed. ... Future loss, on the other hand, comprises part of general damages. It too, must be separately assessed in order to distinguish it from that part of general damages that bears interest ... Obviously, damages for future loss bear no interest; on the contrary, their assessment involves a discount for the early receipt of a lump sum representing successive future loss. The real difference*

[79] Ara Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġ. 159 tal-proċess
[80] P.A. PS **30.1.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Fenech et vs Sammy Meilaq noe et*** (mhix appellata)
[81] P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Maria Debono vs Andrew Vaswani*** (mhix appellata)

*between the two major categories of damage is that past loss is certain, or largely certain, whereas future loss is, by its very nature, uncertain*[82]";

Illi din id-distinzjoni tgħin sabiex tingħeleb l-anomalija li tista' tinħalaq fejn il-parti mġarrba ddum ma tibda l-proċeduri kontra min ikun ġabilha d-danni jew fejn il-kawża ddum tkarkar sakemm tinqata' b'mod finali;

Illi l-Qorti tifhem ukoll li l-prattika mħaddna fil-biċċa l-kbira tad-deċizjonijiet ta' dawn il-Qrati hi li l-kalkolu tat-telf għall-ġejjieni jittieħed minn dak inhar li jkun seħħ l-inċident jew minn dak inhar li titressaq il-kawża[83]. Iżda l-kriterju tal-kumpens għal telf ta' qligħ fil-ġejjieni jintrabat sfiq mal-fatt li kull korriment iġib miegħu żvantaġġ li jissarraf f'telf ta' opportunita għall-vittma li, kieku ma kienx għall-inċident, kienet tkun eliġibbli għalihom, imqar jekk wara l-inċident baqgħet tingħata paga sħiħa jew saħansitra tjiebu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħha[84];

Illi din il-konsiderazzjoni qiegħda ssir fid-dawl ta' sottomissjoni magħmula minn GES dwar in-nuqqas ta' prova min-naħa tal-attur li huwa tassew ġarrab danni[85]. Hija tgħid li l-attur ma wriex li minħabba l-ġrieħi li ġarrab huwa tilef mill-opportunitajiet li jsib impieg jew li naqsitlu l-kapaċita' tiegħu li jaqla' l-għixien tiegħu;

Illi l-Qorti tara li l-attur ġarrab ġrieħi u debilita' li mhijiex biss waħda estetika, iżda hija waħda li tabilfors ħalliet effetti fuq is-saħħa u l-mobilita' tiegħu. It-telfa ta' biċċa minn sieq hija ċirkostanza mhux traskurabbli f'kulmin ikun. Il-fatt li l-attur sab impieg f'ħanut tal-laħam ukoll ma jfissirx li bis-saħħa tat-telf ta' parti mill-pala ta' siequ qisu ma ġara xejn. Il-Qorti tifhem li l-grad ta' debilita' stabbilit mill-perit mediku turi sewwasew li l-integrita' fiżjonomika tiegħu tħassret b'mod li ma terġax titreġġa' lura u għalhekk din tikkostitwixxi l-bażi għall-prova tad-dannu mġarrab;

Illi ħaġa oħra hi li d-danni attwali konsistenti fit-tnaqqis ta' dħul b'effett dirett tal-korriment f'inċident jistgħu jimxu id f'id u kontemporanjament mat-telf ta' qligħ għall-ġejjieni li jkun beda sewwasew minn dak in-nhar tal-korriment[86]. Huwa għalhekk li jinsab stabilit ukoll li l-*multiplier* jibda jitqies minn dak in-nhar tal-inċident kolpuż;

Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti taqbel mar-regola mħaddna li l-kejl tat-telf imġarrab mill-attur irid isir bi tqabbil ma' dak li kien attwalment jirċievi

---

[82] Kemp (Ed), <u>Damages for Personal Injury and Death,</u> (3rd Edit). §§ 3.02 - 3.03, f'paġ. 64
[83] App. Ċiv. **30.11.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Cachia vs. Conti et*** (Kollez. Vol. **XLVIII.i.500**)
[84] App. Ċiv. **7.7.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Gatt vs. Carbone noe*** (Kollez, Vol. **LXXXII.ii.242**)
[85] Nota ta' Sotomissjonijiet f'paġġ. 180 – 1 tal-proċess
[86] P.A. JSP **31.1.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Cutajar vs. Alfred Scicluna*** (mhux appellata)

kieku ma ndarabx. Id-dħul disponibbli tiegħu kien ikun dak id-dħul li jifdallu wara li jitnaqqsu l-kontribuzzjonijiet għas-sigurta soċjali u t-taxxa tad-dħul. Hekk ukoll jaħsbu l-awturi li wieħed l-aktar joqgħod fuqhom bi ħwejjeġ bħal dawn[87]. Għalhekk meta l-Qorti tqis il-kumpens, sejra timxi fuq il-qligħ nett li l-attur wera li kien daħħal;

Illi mill-provi mressqa[88] jidher li l-attur kien jitħallas tliet euro (€ 3.00) kull siegħa li jaħdem. Ma jidhirx li kien jingħata rata ogħla meta jaħdem aktar minn erbgħin (40) siegħa fil-ġimgħa, għalkemm jidher li meta kien jitlef il-frank li kien intitolat għalih, GES kienet tħallsu bir-rata ta' tliet euro u nofs (€ 3.50) fis-siegħa. Jidher ukoll li ma kienet titnaqqas l-ebda parti f'taxxa tad-dħul u lanqas fil-ħlas ta' kontribuzzjonijiet tas-Sigurta' Soċjali. Fiż-żmien li seħħ l-inċident, il-paga minima għal persuna li taħdem *full time* u li kellha 'l fuq minn tmintax-il (18) sena kienet ta' mija u tnejn u erbgħin euro u disgħa u tletin ċenteżmi (€ 142.39) kull ġimgħa jew sebat elef erba' mija u erba' euro u tmienja u għoxrin ċenteżmi (€ 7,404.28) kull sena;

Illi fil-prospett li l-attur fassal fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu[89], huwa jindika paga ta' għaxart elef disa' mija u tmien euro (€ 10,908) fis-sena. Bir-rata li kien jitħallas biha, dan id-dħul kien ifisser li l-attur kien iqis li jrid jaħdem tlitt elef sitt mija u sitta u tletin siegħa (3,636) kull sena. Il-Qorti jidhrilha li, b'qies ta' kull ċirkostanza li toħroġ mill-provi u miż-żidiet li kienu jistgħu jingħataw, il-moltiplikand xieraq għandu jkun tmint elef u ħames mitt euro (€ 8,500) kull sena netti;

Illi dwar il-grad ta' debilita' l-Qorti diġa' qieset li jmissha toqgħod fuq il-fehma tal-perit maħtur minnha f'dan ir-rigward u tistabilixxi grad ta' debilita' tal-għoxrin fil-mija (20%);

Illi dwar l-għadd ta' snin li l-Qorti għandha tadotta minħabba t-telf ta' dħul għall-ġejjieni, marbuta mal-fattur ta' kemm kellu żmien l-attur dak inhar tal-inċident, huwa issuġġerixxa li din tintrabat mal-eta' tal-irtirar, jiġifieri mal-għeluq tal-erbgħa u sittin sena (64) tiegħu. Minħabba li dakinhar li korra kien għad għandu tlieta u għoxrin (23) sena, dan iġib *multiplier* ta' 41. Il-Qorti tqis li l-kriterju tal-*multiplier* ma jiħux tabilfors in konsiderazzjoni l-aspettativa tal-ħajja kollha tax-xogħol tal-persuna mġarrba. F'dan il-każ, illum huwa aċċettat li l-kriterju ta' kif wieħed iqis il-kejl tal-*multiplier* huwa wieħed li jagħti diskrezzjoni lill-ġudikant[90], li huwa mistenni li jqis u jiżen iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ fid-dawl ta' twettiq ta'

[87] Kemp *op cit.* §§ 3.29 - 3.30 f'paġ. 73
[88] Ara Dokti "B" sa "Ġ", f'paġġ. 23 – 8 tal-proċess
[89] Paġ. 159 tal-proċess
[90] App. Ċiv. **3.12.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Darren Sammut vs Eric Żammit***

eżerċizzju li jagħti kumpens b'ħaqq u mhux b'xi mantra matematika[91]. Madankollu, huwa daqstant minnu li l-kejl tal-*multiplier* intuża wkoll mill-Qrati tagħna fejn l-eta' tal-persuna korruta kien qabeż l-eta' tal-irtirar mix-xogħol u minkejja li l-vittma ma kenitx taħdem bi qligħ minnufih qabel l-inċident[92]. Fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkostanzi il-Qorti sejra tadotta *multiplier* ta' ħamsa u tletin (35) sena;

Illi għal dak li jirrigwarda t-tnaqqis li s-soltu jsir mis-somma likwidata għaliex ikun se' jsir ħlas f'daqqa, huwa stabilit li f'każ ta' tnaqqis minħabba l-ħlas f'daqqa (dak li jissejjaħ "*lump sum payment*") ż-żmien jibda jitqies minn meta tinfetaħ il-kawża u mhux minn dak inhar tal-inċident[93]. F'dan il-każ, l-attur fetaħ il-kawża ftit aktar minn disa' (9) xhur wara l-inċident, u għalhekk il-Qorti jidhrilha li għandu jsir tnaqqis proporzjonat skond ir-regoli mħaddma li mis-somma mnaqqsa titnaqqas perċentwali ta' tnejn fil-mija (2%) għal kull sena li tgħaddi minn dakinhar li nfetħet il-kawża sa dakinhar li tingħata s-sentenza[94]. Għalhekk, sejjer isir tnaqqis ta' tmienja fil-mija (8%) mis-somma ta' danni likwidata;

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti tasal biex tillikwida d-danni li jmissu jitħallas l-attur bħala telf ta' qligħ għall-ġejjieni (*lucrum cessans*) fis-somma ta' erbgħa u ħamsin elf seba' mija u erbgħin euro (€ 54,740)[95];

Illi għalhekk, it-**tieni u t-tielet talbiet** attriċi sejrin jintlaqgħu ukoll u għall-istess raġunijiet il-Qorti mhijiex sejra tilqa' l-eċċezzjonijiet dwarhom imressqa minn GES għaliex m'humiex mistħoqqa;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u ssib li l-imħarrkin jaħtu solidalment bejniethom għall-inċident li seħħ fil-31 ta' Awwissu, 2009, fi Triq it-Torri, Tas-Sliema, għall-ħabta tal-5.30 ta' filgħodu u li fih l-attur ġarrab ġrieħi li ma jgħaddux meta korra waqt li kien xogħol riekeb mal-imħarrek Ebejer f'vettura tal-kumpannija mħarrka;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tillikwida l-ħsara li ġarrab l-attur minħabba fl-imsemmi inċident fis-somma ta' erbgħa u ħamsin elf seba' mija u erbgħin euro (€ 54,740);

---

[91] P.A. JZM **13.7.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Jeffrey Caruana vs Carmel Montesin*** (riformata mill-Qorti tal-Appell fit-**30.5.2014**)
[92] Ara, per eżempju, P.A. AJM **4.10.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Smith vs Peter Grech*** (mhix pubblikata) u P.A. AE **25.1.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Conti et vs Salvu Mifsud***
[93] App. Ċiv. **27.2.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Annunzjata Caruana vs Odette Camilleri***
[94] P.A. JSP **30.3.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Abela vs Martin Spagnol*** u App. Ċiv. **3.2.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Luana Deguara vs Judas (Guido) Taddeo sive Edwin Scicluna pro et noe*** fost bosta oħrajn
[95] € 8,500 x 35 x 0.2 x 0.92 = € 54,740

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrkin, flimkien u solidalment bejniethom, biex iħallsu lill-attur is-somma hekk likwidata ta' erbgħa u ħamsin elf seba' mija u erbgħin euro (€ 54,740) flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq dik is-somma b'seħħ mil-lum sal-jum tal-ħlas effettiv;

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet** kollha tal-kumpannija mħarrka, għaliex ma jirriżultawx mistħoqqa fil-fatt u lanqas fid-dritt; u

**Tikkundanna** lill-imħarrkin iħallsu l-**ispejjeż tal-kawża**.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**13 ta' April, 2016**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Registratur**

**13 ta' April, 2016**